MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 391/2008

**Falcon Tours Limited (C-4425)**

**vs**

**Jessica Dounis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-24 ta’ Novembru tas-sena 2008 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sitt elef u erba’ Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,004.25), rapprezentanti hlas dovut minnha wara li l-intimata telqet intempestivament minn xogholha mas-socjeta` rikorrenti, waqt perjodu ta’ mpjieg ghal zmien definit;

2. Illi l-intimata nonostante nterpellata biex thallas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni;

3. Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez ta’ l-ittra legali mibghuta fil-25 ta’ Lulju tas-sena 2008, u bl-imghaxijiet mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata, li hija wkoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota responsiva ta’ l-intimata datata s-17 ta’ Frar tas-sena 2009 li permezz taghha wiegbet bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici ghandha tigi michuda minhabba l-preskrizzjoni u cioe’ l-moghdija ta’ aktar minn sena; illi huwa minnu li l-Artikolu 47 tal-Kap 452 japplika biss il-preskrizzjoni fir-rigward ta’ reati; izda huwa umilment sollevat illi l-ugwaljanza ta’ l-armi titlob illi japplikaw l-istess termini fil-konfront tal-partijiet, u dak l-artikolu fil-ligi ghandu japplika ghan-nuqqasijiet kemm ta’ min jimpjega, kif ukoll ta’ l-impjegat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghal zewg ragunijiet, jigifieri:

(i) minhabba li l-intimata kellha ragunijet validi ghaliex tittermina l-kuntratt qabel it-tmiem ikkontemplat, jigifieri dak ta’ sentejn (2) minn meta kellu jiggedded,

u

(ii) minhabba li l-penali, li jikkostitwixxu danni likwidati ai termini tad-dritt civili, m’ghandhomx jintalbu jekk id-debitur fil-fatt wettaq parti minn dak mitlub mill-obbligu assunt minnu u dik il-parti tkun swiet lill-kreditur;

Rat il-verbal taghha tat-18 ta’ Frar tas-sena 2009 li permezz tieghu ordnat l-isfilz tal-paragrafi minn numru

tlieta (3) ‘l quddiem, inkluz ukoll l-intestatura ghall-istess stante li bhala procedura sommarja r-ragunijiet u argumentazzjoni fuq il-meritu ma ssirx b’dan il-mod izda viva voce bi provi prodotti quddiem l-istess qorti;

Illi l-vertenza odjerna hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata, senjatament dik preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fid-deposizzjoni guramentata taghha l-intimata sintetikament sostniet is-segwenti:

1. Illi hi kienet impjegata mas-socjeta` rikorrenti u spiccat minn dan l-impjieg fis-sena 2004;

2. Illi tul dan l-impjieg mas-socjeta` rikorrenti l-intimata tafferma li kienet responsabbli ghal “*host families”*;

3. Illi sussegwentement sostniet ukoll b’korrezzjoni li l-impjieg taghha mas-socjeta` rikorrenti effettivament bdietu fis-26 t’Awissu tas-sena 2004 u tterminat l-istess impjieg fl-1 ta’ Settembru tas-sena 2006;

4. Illi mill-imsemmija data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg, senjatament fl-1 ta’ Settembru tas-sena 2006, kien biss fis-6 ta’ Jannar tas-sena 2009 li rceviet ittra ufficjali rigwardanti l-meritu tal-kawza odjerna;

5. Illi ulterjorment, fuq domanda tal-kontroparti ikkonfermat li hi kienet impjegata mas-socjeta` rikorrenti permezz ta’ kuntratt definit datat is-26 t’Awissu tas-sena 2004, liema kuntratt kien estiz ghall-perjodu li jigi terminat fit-22 ta’ Jannar tas-sena 2008;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura qed tigi limitata ghall-ewwel eccezzjoni, dik ta’ natura preliminari, sollevata mill-intimata u dan, skond l-ewwel paragrafu tar-risposta taghha;

Illi d-difiza li l-intimata ghogobha tistrieh fuqha hi dik riferita minnha stess fl-artikolu 47 tal-Kap 452;

Illi in effetti dan l-artikolu jiddetermina l-perjodu preskrittiv ta’ l-azzjoni hemm indikata u jillimita l-istess ghall-perjodu ta’ sena;

Illi di piu`, l-istess artikolu jindika bi precizjoni liema azzjoni hi hekk limitata b’dan il-perjodu u jiddetermina li l-azzjoni hekk limitata hi dik ta’ natura kriminali biss;

Illi ghandu jkun ovvju li l-azzjoni odjerna mhix wahda ta’ natura kriminali, molto piu`, li din giet intavolata biex jigu determinati drittijiet civili pretizi mis-socjeta` rikorrenti u mhux minn xi awtorita` debitament u statutorjament awtorizzata biex ticcensura xi agir ta’ xi intimat permezz ta’ process ta’ natura kriminali;

Illi hu f’dan l-ahhar ipotesi li jiskatta l-artikolu citat mill-intimata izda fil-procedura odjerna, dan hu kollu rrilevanti u ghalhekk qed jigi skartat u rigettat;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata tordna l-prosegwiment tal-kawza u tirriserva li tappunta l-istess ghall-kontinwazzoni fuq il-meritu fl-udjenza;

Tirrileva wkoll li jkun ghaqli qabel ma jigu ntavolati eccezzjonijiet ta’ din ix-xorta, wiehed ghandu jara r-rilevanza fattwali u legali ta’ l-istess ghaliex altrimenti jirrazenta d-disprezz peress li jkun qed jabbuza mill-procedura – abbuz li f’gurisdizzjonijiet Ewropej ohra huma arginati b’konsegwenzi ta’ natura kriminali anke fuq ir-rapprezantanti legali li jippromovuhom inutilment.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------